MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 846/2005

**Joseph Attard I.D. Nru. 1005444 (M), Carmel Attard I.D. Nru. 0048149 (G), John Azzopardi I.D. Nru. 0679545 (M), Anthony Aquilina I.D. Nru. 0710845 (M), Carmelo Azzopardi I. D. Nru. 0444044 (M), Francis Xavier Aquilina I.D. Nru. 0829145 (M), Carmel Abela I.D. Nru. 0226045 (M), Joseph Agius I.D. Nru. 0052946 (M), Emanuel Attard I.D. Nru. 0027744 (M), Joseph Agius I.D. Nru. 0270248 (M), Edgar Abela I.D. Nru. 0587047 (M), Carmel Bonello I.D. Nru, 1063444 (M), Clement Busuttil I.D. Nru. 0255944 (M), Joseph Baldacchino I.D. Nru. 0652845(M), Michael Borg I.D. Nru. 0742244 (M), Marcel Bencini I.D. Nru. 0453947, George Briffa I.D. Nru. 0742647 (M), Carmel Borda I.D. Nru. 0409647 (M), Paul Busuttil I.D. Nru. 0014745 (M), Joseph Bartolo I.D. Nru. 0203846 (M), Joseph Briffa I.D. Nru. 0317946 (M), Carmel Bugeja I.D. Nru. 0851847 (M), Carmelo Bonello I.D. Nru. 0164748 (M), Emanuel Bajada I.D. Nru. 1064447 (M), Paul Bonello I.D. Nru. 0564549 (M), Grace Borg I.D. Nru. 0727846 (M), Victor**

**Borg I.D. Nru. 0004050 (M), Carmel Bugeja I.D. Nru. 0221551 (M), Edgar Caruana I.D. Nru. 0738044 (M), Joseph Cachia I.D. Nru. 0056245 (M), Joseph Chetcuti I.D. Nru. 0671647 (M), Joseph Cutajar I.D. Nru. 0583044 (M), Alphonse Camilleri I.D. Nru. 0991446 (M), Joseph Mario Camenzuli I.D. Nru. 0817150 (M), George Cremona I.D. Nru. 0069945 (G), Anthony Cachia I.D. Nru. 0978844 (M), Joseph Caruana I.D. Nru. 0095544 (M), Anthony Cini I.D. Nru. 1061346 (M), Victor Darmanin I.D. Nru. 0169845 (M), George Debono I.D. Nru. 0293544 (M), Edward Darmanin I.D. Nru. 0955645 (M), Anthony Ellul I.D. Nru. 0774246 (M), Angelo Farrugia I.D. Nru. 0081347 (M), Emanuel Faure I.D. Nru. 1051744 (M), Massimiliano Farrugia I.D. Nru. 0756046 (M), Charles Fenech I.D. Nru. 0279448 (M), Aronne Fenech I.D. Nru. 0105345 (M), Anthony Farrugia I.D. Nru. 0113152 (M), Anthony Gatt Hampton I.D. Nru. 0940344 (M), Anthony Grima I.D. Nru. 0096944 (M), Gregory Grech I.D. Nru. 0028644 (G), John Gafa` I.D. Nru. 0149048 (M), Aloysius Galea I.D. Nru. 0151248 (M), Joseph Gatt I.D. Nru. 0493445 (M), Spiridione Grima I.D. Nru. 0343345 (M), Anthony Gellel I.D. Nru. 0135249 (M), Julian Gauci I.D. Nru. 0564349 (M), Lawrence Gonzi I.D. Nru. 0537247(M), Carmel Gauci I.D. Nru. 1032548 (M), Paul Galea I.D. Nru. 0535752 (M), Edwin Hammett I.D. Nru. 0182146 (M), Derek Iles I.D. Nru. 0589645 (M), Emanuel Livori I.D. Nru. 0243947 (M), Carmel Muscat I.D. Nru. 0663044 (M), John Mompalao I.D. Nru. 0051950 (G), Vincent Mangion I.D. Nru. 1075045 (M), Peter Micallef I.D. Nru. 0015446 (M), Lawrence Mallia I.D. Nru. 0373049 (M), Charles Mizzi I.D. Nru. 0159947 (M), Tarcisio Mifsud I.D. Nru. 1065644 (M), John Pace I.D. Nru. 0406144 (M), Francis Pisani I.D. Nru. 0376445 (M), John Pace I.D. Nru. 1075244 (M), Carmel Piscopo I.D. Nru. 0524747 (M), Charles Pace I.D. Nru. 0787846 (M), Carmel Pace I.D. Nru. 0186451 (M), Anthony Rocco I.D. Nru. 0224452 (M), John Spiteri I.D. Nru. 0568844 (M), Anthony Sant I.D. Nru. 0520548 (M), Michael Sultana I.D. Nru. 0677144 (M), Rosario Spiteri I.D. Nru. 0633448 (M), Louis Stellini I.D. Nru. 0346150 (M), Carmel Sant I.D. Nru. 0924845 (M), Richard Sofia I.D. Nru. 0341745**

**(M), Saviour Vella I.D. Nru. 0124547 (M), Ronald Vella I.D. Nru. 1069446 (M), Joanne Vassallo I.D. Nru. 0023159 (M), Anthony Xuereb I.D. Nru. 0260745 (M), Carmel Zammit I.D. Nru. 0603545 (M), Saviour Zammit I.D. Nru. 0440445 (M), John Zarb I.D. Nru. 0572147 (M), Anthony Zammit I.D. Nru. 0655447 (M), Carmelo Zahra I.D. Nru. 0200151 (M) u Nunzio Darmanin I.D. Nru. 243460 (M)**

**vs**

**Onorevoli Prim Ministru ta' Malta u Ministru tal-Finanzi, Ministru ghall-Investiment, Industrija u Informatika u Korporazzjoni Enemalta**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni fuq indikata datata l-15 ta' Settembru, 2005, li permezz taghha l-atturi fuq indikati sejjhu lill-konvenuti wkoll fuq indikati quddiem din il-qorti biex, u wara li sintetikament ippremettew is-segwenti:

1. Illi l-atturi huma komplessivament impjegati jew ex-impjegati tal-Korporazzjoni konvenuta kif ukoll ilkoll ex-impjegati tal-Bord ta' l-Elettriku ta' Malta;

2. Illi wara decizjonijiet tal-Kabinett rispettivament datati s-7 ta' Jannar, 1969, u l-10 ta' Marzu, 1970, dan approva skema partikolari ta' pensjoni ghall-haddiema tal-imsemmi Bord li kellha tkun simili ghal dik pertinenti lill-haddiema tal-Gvern u cirkolata fic-cirkolari numru 344;

3. Illi l-Bord tad-Diretturi tal-istess Bord kien informa lill-istess haddiema tieghu fid-9 t'April, 1970, li hu kien iddecieda li tigi adottata skema ta' pensjoni strutturata ghalihom – ibbazata fuq dik tal-impjegati tal-Gvern, b'effett mis-7 ta' Settembru, 1963;

4. Illi in effetti kien ukoll ippubblikat sintesi tal-istess skema li kien juri l-bazi ta' kif kellha tinhadem din il-pensjoni;

5. Illi dan kien sar a tenur tal-artikoli 26 (1) u 29 (1) ta' l-Att XXIV tal-1963 dwar il-"*Malta Electricity Board*", liema approvazzjonijiet rispettivi kienu certifikati bid-decizjonijiet fuq indkati tal-Kabinett;

6. Illi nonostante s-suespost, l-approvazzjoni ufficcjali tal-Prim'Ministru ai termini tal-artikolu 26 (1) tal-Att fuq citat baqghet qatt ma nghatat nonostante t-trapass ta' dan iz-zmien kollu, (aktar minn erbghin(40) sena);

7. Illi konsegwenza tal-istess, din l-iskema pensjonistika hekk approvata qatt ma dahlet fis-sehh;

8. Illi l-haddiema tal-imsemmi Bord li kienu assorbiti mis-Servizz Pubbliku kienu gew intitolati ghall-pensjoni tat-tezor filwaqt li dawk li baqghu impjegati mal-"*Electricity Board*" de quo u dawk assorbiti mill-Korporazzjoni konvenuta baqghu minghajr pensjoni;

9. Illi dan sar bi ksur tal-artikolu 33 tal-Kap 272 tal-Ligijiet ta' Malta;

10. Illi jsostnu li l-pensjoni hekk fuq determinata favur l-impjegati de quo qatt ma giet imdahhla fis-sehh, u dan, addirittura kontra d-decizjoni tal-istess Kabinett;

11. Illi dan id-dritt minnhom hekk akkwistat baqa' jingarr mill-atturi meta gew impjegati mal-Korporazzjoni konvenuta;

12. Illi l-artikolu 27 ta' l-Att XXII tal-2002 jipprovdi li mpjegati tal-istess klassi ghandhom id-dritt ghall-istess rata ta' remunerazzjoni ghal xoghol ugwali, principju li fil-kuntest hu komunement maghruf bhala "*Equal Pay for Equal Work*";

13. Illi l-atturi kienu jahdmu flimkien ma' haddiema li gew impjegati direttament u/jew gew mis-Settur Pubbliku, izda minhabba dan in-nuqqas gravi tal-

konvenuti ma kienux qed igawdu l-istess trattament b'mod ugwali mal-kollegi haddiema shabhom – partikolarment ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-pensjoni;

Talbu lill-konvenuti biex jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara n-nuqqas tal-konvenuti, jew min minnhom, li jimplimentaw l-iskema ta' pensjoni kif deciza mill-Kabinett Malti fid-dati fuq gia` ndikati, u kif cirkolata bic-cirkolari fuq ukoll gia` riferita;

2. Tiddikjara wkoll li l-istat prezenti ta' l-atturi, jekk ma jigux rimedjati l-anomaliji fuq imsemmija rizultat tan-nuqqasijiet tal-konvenuti jew min minnhom, jiksru l-artikolu 27 tal-Att XXII tal-2002 kontra l-atturi;

3. Tiffisa zmien qasir u perentorju biex il-konvenuti, jew min minnhom, ghandu jimplimenta l-iskema pensjonistika deciza kif fuq gia` ndikat, u dan, b'effett retroattiv mid-data miftiehma tas-7 ta' Settembru, 1963;

4. Tiddikjara biex f'kaz li dan il-perjodu jghaddi inutilment, allura jidhol fis-sehh il-ftehim milhuq kif espress fic-cirkolari 344 fuq riferita;

5. Bl-ispejjez, inkluz il-protest gudizzjarju tal-14 ta' Frar, 2005, kontra l-konvenuti;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti kollha fuq gia` riferiti datata t-13 t'Ottubru, 2005, li permezz taghha gew sintetikament elevati s-segwenti eccezzjonijiet:

1. Illi l-Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur fit-termini tal-artikolu 181B tal-Kap 12;

2. Illi ai termini tal-artikolu 2143 tal-Kap 16, it-talbiet attrici huma preskritti bit-trapass ta' tletin (30) sena;

3. Illi l-azzjoni hi nfondata stante li l-pretensjonijiet vantati huma ta' natura ndustrijali u mhux

ibbazati fuq dritt civili peress li qatt ma nholoq xi dritt favur l-atturi li jinghataw pensjoni kif allegat;

4. Illi m'hu qed isir l-ebda vjolazzjoni tal-principju dwar il-hlas ugwali ghal xoghol ta' valur ugwali stante li l-haddiema li qed jipparagunaw ruhhom maghhom ma kienux impjegati mill-istess entita` meta gew trasferiti mal-Korporazzjoni konvenuta, u dan billi l-atturi kienu mpjegati mal-*Malta Electricity Board* waqt li l-impjegati l-ohra kienu mpjegati mas-Servizz Pubbliku;

5. Illi l-artikolu 27 tal-Att XXII ta' l-2002 mhux retroattiv;

6. Illi dan l-istess artikolu citat fil-paragrafu precedenti ma jistax jigi nterpretat li jhassar xi drittijiet ta' pensjoni li haddiema tas-servizz pubbliku kienu akkwistaw qabel id-dhul fis-sehh ta' l-imsemmi artikolu jew li jaghti xi drittijiet godda ta' pensjoni lill-haddiema li ma kellhomx dritt ghall-pensjoni taht l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet qabel ma dahal fis-sehh dan l-istess artikolu;

7. Illi t-talba ghall-fissazzjoni ta' termini biex jigu mplimentati l-allegati decizjonijiet tal-Kabinett de quo hi nfondata stante li dawn ma jaghtu l-ebda drittijiet lill-atturi u stante li l-iffissar ta' tali skema pensjonistika hu att amministrattiv u mhux gudizzjarju u konsegwentement ma jistax jitwettaq minn organu gudizzjarju;

8. Illi l-kwistjoni kollha giet rizolta definittivament bi hlas ta' "*gratuity*" biex giet likwidata l-iskema tal-pensjonijiet tal-haddiema de quo, liema hlas sar lill-istess impjegati fl-1980;

9. Illi di piu`, l-azzjoni odjerna hi nfondata fil-fatt u fid-dritt u konsegwentment ghandha tigi michuda bl-ispejjez;

Rat ukoll il-verbal tal-abbli rapprezentant legali tal-konvenuti, datat id-9 ta' Jannar, 2006, li permezz tieghu rrizervat li tirregola ruhha dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti;

Rat id-digriet ta’ din il-qorti diversament preseduta wkoll datat id-9 ta’ Jannar, 2006, li permezz tieghu iddekretat li l-eccezzjoni preliminari rigwardanti l-preskrizzjoni tigi trattata u deciza flimkien mal-meritu tal-kawza;

Rat id-digriet ta’ din il-qorti diversament preseduta datat l-14 ta’ Frar, 2008, li permezz tieghu hatret assistent gudizzjarju biex tisma’ x-xhieda tal-konvenuti;

Rat id-digriet ta’ din l-istess qorti ndikata fil-paragrafu precedenti datat it-13 t’April, 2011, li permezz tieghu akkordat lill-partijiet it-termini hemm indikati biex jipprezentaw in-noti ta’ sottomissjonijiet skritti taghhom qabel ma tghaddi ghat-trattazzjoni orali finali fid-data hemm indikata;

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-atturi datata t-23 ta’ Mejju, 2011;

Rat in-nota responsiva tal-konvenuti Onorevoli Prim Ministru; tal-Ministru tal-Finanzi; u tal-Ministru ghall-Investiment, Industrija u Informatika datata d-19 t’Awwissu, 2011;

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-Korporazzjoni konvenuta datata wkoll id-19 t’Awwissu, 2011;

Rat il-verbal taghha kif issa preseduta datat it-3 ta’ Novembru, 2011, li permezz tieghu fuq talba tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, ikkoncediet lill-atturi nota responsiva ghas-sottomissjonijiet tal-konvenuti, u bl-awtorizzazzjoni moghtija lill-konvenuti biex jirrispondu huma wkoll ghal din in-nota tal-atturi;

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet ulterjuri tal-atturi datata t-3 ta’ Jannar, 2012;

Rat in-nota responsiva ulterjuri tal-Korporazzjoni konvenuta datata l-10 ta’ Mejju, 2012;

Rat in-nota responsiva ulterjuri tal-konvenuti l-ohra datata s-16 ta’ Mejju, 2012;

Ezaminat ix-xhieda mismugha minn din il-qorti diversament preseduta u mill-assistent gudizzjarju nominata fuq riferita;

Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti rilevanti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi dan hu process li jaf l-origini tieghu ghall-decizjonijiet tal-Kabinett rispettivament mehuda fis-7 ta’ Jannar, 1969, u l-10 ta’ Marzu, 1970;

2. Illi sintetikament dawn konguntement jistabbilixxu li l-impjegati kkoncernati tal-*Malta Electricity Board* jinghataw pensjoni fuq l-istess linji moghtija dak iz-zmien lill-impjegati fis-Servizz Civili, (ara fol 8);

3. Illi a bazi tal-istess decizjonijiet l-imsemmi Bord kien hareg ic-cirkolari numru 344 biex jinforma lill-impjegati tieghu b’dan l-izvilupp u dan, b’effett mis-7 ta’ Settembru, 1963;

4. Illi pero`, ai termini tal-artikolu 26 (1) tal-Att XXIV tal-1963, u tal-artikolu 29 (1) tal-Kap 272, tal-Ligijiet ta’ Malta, dan stabbilit fil-Kabinett kien suggett ghall-approvazzjoni tal-Prim Ministru;

5. Illi nonostante li dan kien approvat mill-Kabinett – organu li mhux biss hu presedut mill-Prim’Ministru, izda li l-membri tieghu huma maghzula esklussivament minnu – l-istess Prim Ministru li ppresieda l-approvazzjoni ta’ tali pensjoni, naqas li jattwa d-decizjoni minnu stess sottomessa u approvata precedentement;

Ikkunsidrat:

Illi meta l-Korporazzjoni konvenuta hadet fuqha r-responsabbiltajiet li qabel kienu kompetenza tal-Bordijiet tal-Elettriku u tal-Gas, l-impjegati li qabel kienu addetti mal-imsemmija Bordijiet gew assimilati mill-istess Korporazzjoni taht l-istess kondizzjonijiet tal-impjegati taghha u dan, ai termini tal-artikolu 33 tal-imsemmi Kap 272;

Illi ghalkemm il-kondizzjonijiet tal-impjieg tal-haddiema tal-Bordijiet de quo hekk assorbiti kienu l-istess bhal dawk ingaggati direttament mill-Korporazzjoni konvenuta, baqghet l-anomalija pensjonistika stante li l-Prim'Ministri kollha sussegwenti ghad-decizjonijiet tal-Kabinett fuq indikati qatt ma effettwaw l-obbligu fuqhom impost mill-istess Kabinett;

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta mill-analizi tal-fatti fuq sintetikament riprodott li l-atturi ghalhekk inghatalhom dritt ghall-pensjoni b'decizjoni l-aktar solenni li mhux biss rabtet lill-Korporazzjoni konvenuta li eventwalment assorbiet il-personalita` guridika tal-Bordijiet fuq riferiti, izda anke lill-Prim Ministri successivi, stante li d-decizjonijiet fuq riferiti tal-Kabinett ma jirrizultax li kienu gew b'xi mod imhassra jew riveduti mill-istess organu u li ghalhekk, l-istess Prim Ministru tal-epoka tal-istess decizjonijiet, u l-ohrajn, kollha sussegwenti, baqghu marbuta li jimplimentaw;

Ikkunsidrat:

Illi di piu`, jirrizulta wkoll assodat li l-istess pensjoni hawn rikjamata kienet giet applikata pozittivament fir-rigward ta' haddiem partikolari, (ara fol 205), filwaqt li fil-kaz tal-atturi l-inattivita` hawn censurata baqghet tigi nspjegabbilment persegwita tul iz-zmien;

Ikkundisrat:

Illi stabbilit is-suespost hi l-konsiderazzjoni ta’ din il-qorti li d-decizjonijiet tal-Kabinett fuq riferiti inekwivokabbilment stabbilew **dritt kwezit** favur l-atturi liema obbligazzjoni tant ittiehdet bhala wahda konkreta li anke l-istess organu dirigenti tal-Bord de quo ghazel li johrog cirkolari appozita f’dan ir-rigward – anke forsi biex jikkalma lill-ezuberanti li ntrapprendew azzjoni ndustrijali ghal protezzjoni tad-drittijiet taghhom;

Ikkunsidrat:

Illi epurat is-suespost ghal dak li jirrigwarda l-fatti rizultanti kif esposti minn din il-qorti hu issa doveruz li jigu ndirizzati l-ewwel zewg eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti – it-tnejn ta’ natura preliminari;

A. Rigward l-artikolu 181B tal-Kap 12:

Ikkunsidrat:

1. Dan l-artikolu jistabbilixxi li l-Gvern irid ikun rapprezentat fl-atti u fl-azzjoni gudizzjarja mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja;

2. Illi fil-kaz in dizamina naturalment, il-konvenuti mghajta biex iwiegbu huma dawk reponsabbli ghall-akkadut;

3. Illi pero` fl-atti kif imressqa mill-atturi, l-Avukat Generali ma gie riferit imkien u jidher li l-konvenuti joggezzjonaw biss ghal dan l-allegat nuqqas;

Ikkunsidrat:

Illi l-artikolu fuq riferit jistipula s-segwenti fit-tieni subinciz tieghu:

1. Illi fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji hu l-Avukat Generali li jirrapprezenta lill-Gvern;

2. Illi dan hu hekk minhabba n-natura tat-talba li ma tkunx tista' tigi diretta kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern;

3. Illi ghall-pratticita` tal-procedura l-Avukat Generali ghandu jkun notifikat b'kull att indirizzat kontra l-Gvern;

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta pacfiku minn ezami tal-atti f'din il-procedura li n-notifika ufficcjali tal-atti qatt ma saret lill-Avukat Generali;

Illi pero` jirrizulta pacifiku wkoll li l-ufficcju minnu rapprezentat kien abbundantement "*au courrant*" tal-procedura kollha stante li l-konvenuti governattivi kienu regolarment assistiti mill-avukati fl-istess ufficcju;

Ghaldaqstant, tenut kont tal-fatt li l-artikolu in dizamina mhux wiehed li fin-nuqqas jannulla l-atti, hu kkonsidrat li fil-prattika gie debitament sodisfatt stante li l-istess ufficcju kien regolarment infurmat bil-procedura u effettivament dejjem irrapprezenta lill-konvenuti relattivi skont il-ligi, allura tqis li dan l-artikolu gie sodisfatt u konsegwentement tirrespingi l-ewwel eccezzjoni sollevata, bl-ispejjez kontra l-konvenuti;

B. Rigward il-preskrizzjoni trentennali:

Ikkunsidrat:

Illi dan qed jigi epurat f'dan l-istadju u in vista tad-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat id-9 ta' Jannar, 2006, li ddekretat li dan jigi trattat u deciz flimkien mal-meritu tal-kawza;

Illi f'dan ir-rigward l-artikolu 2143 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jistabbilixxi s-segwenti:

"L-azzjonijiet kollha … jaqghu bil-preskrizzjoni eghluq tletin (30) sena, u ebda oppozizzjoni ghall-preskrizzjoni

ma tista' ssir minhabba n-nuqqas ta' titolu jew ta' bona fide";

Ikkunsidrat:

Illi skont l-atturi din l-eccezzjoni preliminari ma gietx pruvata stante li l-konvenuti ma ressqu l-ebda prova dwarha;

Illi pero` l-konvenuti jsostnu l-kuntrarju u sintetikament jissottomettu s-segwenti fir-rigward:

1. Illi l-atturi jallegaw li d-drittijiet minnhom vantati fil-procedura odjerna gew kristallizzati wara d-decizjoni tal-Kabinett datata s-7 ta' Jannar, 1969, u kkonfermata mill-istess organu fl-10 ta' Marzu, 1970;

2. Illi jirrizulta assodat li miz-zewg dati ndikati fil-paragrafu precedenti ghandu jkun pacifiku li sad-data tal-ewwel att gudizzjarju rizultanti datat l-14 ta' Frar, 2005, intavolat mill-atturi in tutela tad-drittijiet taghhom, il-perjodu ta' tletin (30) sena rikjest kien abbundantement superat;

Ikkunsidrat:

Illi kif ritenut mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Testaferrata Moroni Viani et vs Montanaro** tas-27 ta' Gunju, 2003:

"Fil-kaz fejn tkun kontemplata l-preskrizzjoni estintiva l-oneru tal-prova biex titwaqqa' din il-preskrizzjoni jinkombi fuq l-attur li ppropona l-azzjoni";

Illi ghalhekk, kuntrarjament ghal dak sostenut mill-atturi fin-nota taghhom, jinkombi proprju fuq l-istess atturi li jressqu provi adegwati biex juru, ghas-sodisfazzjon tal-qorti, li tali perjodu preskrittiv kien gie minnhom regolarment interrott – haga li minn ezami akkurat tal-process de quo ma jirrizultax – anke jekk fl-ahjar ipotesi wiehed jiehu l-ahhar data in dizamina, (dik tal-10 ta' Marzu, 1970), bhala d-data operattiva f'dan ir-rigward;

Illi ghaldaqstant din il-qorti hi sodisfatta li nonostante l-agitazzjoni ndustrijali u procedura serrata riskontrata, l-azzjoni odjerna tibqa' preskritta ai termini tal-artikolu 2143 tal-Kap 16 kif sollevat fl-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti fuq riferita, stante li l-atturi ma jirrizultax li wrew li dan il-perjodu trentennali kien minnhom b'xi mod interrott;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq esposti, takkolji din it-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenuti, u konsegwentement:

1. Tiddikjara li l-azzjoni odjerna hi preskritta ai termini tal-artikolu 2143 tal-Kodici Civili;

2. Illi konsegwentement tillibera lill-konvenuti kollha mill-osservanza tal-gudizzju;

3. Bl-ispejjez kontra l-atturi fuq indikati;

Illi di piu`, in vista tas-suespost, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-process.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------